2023/2550

30.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 153/2023

tat-13 ta' Ġunju 2023

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2550]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/502 tal-1 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-frekwenza tar-rivalutazzjonijiet kompluti tal-korpi notifikati ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/503 tal-1 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-frekwenza tar-rivalutazzjonijiet kompluti tal-korpi notifikati ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XXX tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 11 (ir-Regolament (UE) Nru 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"- **32023 R 0502**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/502 tal-1 ta' Diċembru 2022 (ĠU L 70, 8.3.2023, p. 1)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 12 (ir-Regolament (UE) Nru 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"- **32023 R 0503**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/503 tal-1 ta' Diċembru 2022 (ĠU L 70, 8.3.2023, p. 3)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2023/502 u (UE) 2023/503 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 70, 8.3.2023, p. 1.
([2]) ĠU L 70, 8.3.2023, p. 3.
* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN